*irqaqat fl-ortografija imma hija ħaġa biss tal-Akkademja għax l-ortografija hija tagħna u ħu, għad li professur tal-Malti, joqgħod għaliha meta hi tippronunzja ruħha inkella jerġa' jirħoloq it-taħwid li kien hawn qabel meta kulħadd kien jidhirlu li l-mod kif jikteb hu huwa l-aħjar. U hekk għandu jagħmel kulħadd, qal il-Professur. Dan jidhrilna li kien ta' eżempju għal kulħadd u qed insemmuh hawn f'dan l-editorjal biex jibqa' bħala nota storika fejn il-professur tal-Malti fl-Università, li barra li hu professur hu studjuż kbir tal-Malti u għamel bosta tiftix fuq ilsienna, jiddikjara li hu jissottometti ruħu għall-ġudizzji tal-Akkademja.*

*L-interess li qajmu dawn iż-żewġ laqgħat u d-diskussjoni li saret warajhom juru l-ħtieġa kbira li qed tinħass li l-Akkademja tfittex tlesti x-xogħol tagħha ta' reviżjoni u tagħti deċiżjoni li fuqha wieħed ikun jista' jimxi. Hu meħtieġ li l-istudju jsir sewwa u bir-reqqa, isir minn nies kompetenti fil-materja, li jkunu konsultati l-istudjużi kollha u l-għalliema tal-Malti. Imma daqs kemm hu meħtieġ li dan l-istudju jsir sewwa tant ieħor hu meħtieġ li jitħaffef mill-aktar fis possibbli mingħajr għaġla jew tferfix żejjed.*

*Ta' min jinnota wkoll kif il-ġurnali u l-mezzi ta' xandir qed jgħaffġu u jħassru b'mod li se jkun irreparabbli l-idjoma Maltija.*

*Jeħtieġ li kull min għandu xi tagħrif, xi diffikultajiet, xi problemi, xi kummenti fuq l-ortografija jibgħathom lill-Kummissjoni "Taħriġ" Akkademja tal-Malti, Palazzo Caraffa, Valletta. B'hekk ikun qed igħin l-istudju li qed isir. U hekk ikun jista' jkollna fi żmien qasir it-"Tagħrif" aġġornat. Hawn l-Akkademja tal-Malti tkun wettqet wieħed mid-dmirijiet l-aktar fundamentali tal-eżistenza tagħha.*

# ĠUĦ

Jibku n-nisa
u jqattgħu sidirhom
jagħsru n-nixfa fi ħluq imġewħa.
U l-ulied bla sura
bl-ilsna mqarqċin
itiegħmu, u jilagħqu
demgħat morri
u melħin.

JANE CORTIS.

# IL-JYLLAND

Lill-illawrjati ġodda fil-liġi:
Dr. Alfred Grech u Dr. Joseph Borg, b'ħajr.

Fools! for I also had my hour"
G.K. Chesterton.

Għajruni, tuni, li jien xiħ u mormi,
Li min-Norveġja ġejt sabiex immut;
Biex fl-ikħal tagħkom negħreq taħt ix-xmejxa
U l-mewġ qalil ikunli ta' tebut.

Tabelli b'ilsien stramb issib ġo fija
Li jġegħluk tħares, qisek ors;
Tgħajruni sew li b'ħolm biss mimli moħħi
Taż-żgħażagħ xewqanin fl-aqwa tal-għors,

Ta' żmenijiet oħrajn, xħin fl-aqwa tiegħi,
Jien froqt il-mewġ il-griż tal-Baħar Fuq
Xħin naqsam kont min-naħa għall-oħra ċkejkna
Fil-borra u s-silġ, fil-mewġ lubien misjuq.

Tal-ibħra mqallba sew jien qatt ma kont;
U fl-oċeani l-kbar għad li ssugrajt
B'nifsi maqtugħ kont nilħeġ biex le negħreq
Biex le f'ilsien in-nies ma naqa' b'ċajt.

Tgħajruni li jien xiħ! Ma ġara xejn!
Għax jien ukoll kelli sigħeti l-kbira
Xħin il-Maltin capċpuli f'Sirakusa
Ċapċipa m'ogħla sema bla tmaqdira!

30/11/'75

WALLACE PH. GULIA.